# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 52

26 ta' Lulju 2022

It-tnejn u ħamsin (52) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

52.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

52.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

52.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

52.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

52.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq korrezzjoni ta' materja nru 51.2.8.3 li għandha taqra "qattx kien ikkunsidrat". Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, AD, VB, JP, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

52.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.2.3 dwar il-ħaxix ta' fuq is-sur u qal li jinsab infurmat li kienu raw xi ħaddiema jagħmlu xi xogħol fuq is-sur. Is-SE qal li min-naħa tal-Kunsill, kien sar xi xogħol sa fejn jintlaħaq. Madankollu, fadal xi xogħol xi jsir fejn jirrikjedi li wieħed jixxabbat. Is-SE qal li dan ix-xogħol irid isir mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Huwa qal li kien tkellem ma wieħed mir-rappreżentanti tal-entità u kien talbu jikteb lill-Kunsill, biss sa dakinhar kien għad ma hemmx korrispondenza bil-miktub.

52.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-pots ta' ħdejn il-knisja u l-bżonn li jitħawwlu xi pjanti. Is-Sindku qal li l-pots ta' madwar il-lokalità kienu jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-soft areas. Il-Kunsillier JAE talab li tinġibed l-attenzjoni biex isir xi ħaġa f'dan ir-rigward.

52.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.5.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-bankina ta' Triq Vilhena. Is-SE qal li l-ħaddiema provduti mir-Reġjun Xlokk kienu għamlu xi xogħol ta' patching fil-kantunieri fejn kien hemm xi għeruq telgħin. Huwa kompla billi qal li kien tkellem mal-Works Department dwar il-possibbiltà li x-xogħol isir min-naħa tagħhom.

52.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.5.2 dwar is-sinjal tal-isem tat-triq fi Triq Macerata. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jordna il-plakka tal-isem tat-triq.

52.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sinjali tal-klieb fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE nforma li dawn kienu ġew ordnati flimkien ma' numru ta' tabelli oħrajn li kienu ġew ordnati relatati maċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

52.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 51.5.5 rigward il-ħasil tat-toroq. Is-SE qal li kien ikkuntattja lill-kuntrattur li min-naħa tiegħu informah li għandu jieħu ħsieb jibda' l-ħasil dalwaqt. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb biex jew ma jsirx ħasil fi Triq il-Miratur kantuniera ma' Pjazza Sir Luigi Preziosi jew tinqabeż il-biċċa ta' quddiem waħda mir-residenzi minħabba li ta' kull darba jidħol ħafna ilma f'din ir-residenza.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-Ministru Zrinzo Azzopardi fejn kien hemm qbil fost il-kunsilliera li tinħareġ stqarrija mis-SE u li tiġi ppublikata fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill.

52.3.1.1. Huwa kompla billi qal li l-għada kienet inġibditlu l-attenzjoni li kien hemm post imtella' mill-Kunsillier JAE li kienet tinkludi xi affarijiet li hu ma kienx jaqbel magħhom. Huwa talab lis-SE jaqra din il-post għall-informazzjoni tal-Kunsill.

52.3.1.2. Is-Sindku VB qal li kien ħalla kumment bl-emendi tiegħu. Huwa qal li l-kumment tiegħu kien tħassar mill-Kunsillier JAE. Qamet diskussjoni li matulha s-Sindku insista li l-kumment kien tneħħa mill-Kunsillier JAE filwaqt li l-Kunsillier JAE qal li din kienet allegazzjoni falza, u talab li jekk hemm xi provi, dawn għandhom jitressqu b'mod immedjat.

52.3.1.3. Is-SE qal li hu jikkonferma li ra notifika li s-Sindku VB kien tella' kumment però meta daħal jiċċekkja, ma setax jara l-kumment u lanqas jaċċessa informazzjoni dwar minn min tħassar il-kumment. Huwa staqsa jekk hemmx xi mod tekniku li wieħed jivverifika.

52.3.1.4. Il-Kunsillier JAE qal li ilu amministratur tal-paġna tal-Kunsill għal dawn l-aħħar seba' snin u qatt ma kellu akkużi simili. Huwa qal li l-unika drabi li kien emenda xi posts tal-Kunsill kien biex jikkoreġi t-tipa tal-Malti iżda qatt ma kien neħħa xi posts jew kummenti għal kollox.

52.3.1.5. Is-Sindku VB kompla billi qara l-kumment tiegħu bl-emendi tiegħu fejn kjarifika xi punti li jħoss li ma kellhomx jinkitbu kif inkitbu.

52.3.1.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-Kunsill għandu jaħdem bħala tijm u mhux kulħadd jaħdem għal rasu, speċjalment ladarba kien hemm ftehim li se tinħareġ stqarrija uffiċjali mil-Kunsill.

52.3.1.7. Il-Kunsillier JAE qal li dak li jippublika fuq il-paġna personali tiegħu ma kien affari ta' ħadd, u f'dak li kiteb ma kien hemm xejn li mhux veritier. Huwa qal li dan kien dritt tiegħu.

52.3.1.8. Il-Kunsilliera SSH qalet li ma kienx suppost issemma' l-Ġubilew. Il-Kunsillier JAE qal li dik kienet mozzjoni li kien ressaq hu u għalhekk għamel riferenza għaliha. Is-Sindku VB qal li qabel il-mozzjoni mressqa minnu, kien hemm oħrajn u li kien qed jagħmel propaganda fuq dak li għamel ħaddiehor. Il-Kunsillier JAE qal li ma kien qed jagħmel propaganda xejn u li hu għall-mozzjoni tiegħu biss jista' jitkellem, u ppreżenta xi artikli ta' numru ta' aġenziji tal-midja li jikkwotaw lilu personali.

52.3.1.9. Is-Sindku VB qal li hemm bżonn iktar strettezza fuq min jista' jippostja u jħassar fuq il-paġna tal-Kunsill, u li ħadd mill-kunsilliera ma għandu jkollu d-dritt jippostja. Għalhekk qal li kien ser jirtira d-dekasteru ta' e-councillor (il-paġna ta' Facebook) lill-Kunsillier JAE. Il-Kunsillier JAE qal li dan ma kienx ġust ġaladarba ma kienx hemm provi. Is-Sindku VB qal li bħala sindku, seta' ineħħi u jagħti dekasteri kif jidhirlu hu.

52.3.1.10. Is-Sindku qal li d-dekasteri aġġornati tal-Kunsill għandhom ikunu kif ġej:

- Il-Kunsilliera Justine Palmier: Żgħażagħ, Ħarsien tal-annimali, u attivitajiet (konġunta)
- Il-Kunsillier James Aaron Ellul: Sports u attivitajiet fiżiċi, Edukazzjoni, E-councillor, u attivitajiet (konġunta).
- Il-Viċi Sindku Albert Demarco: Kultura, Integrazzjoni soċjali, u attivitajiet (konġunta)
- Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili: Komunitajiet, Utilitajiet, u attivitajiet (konġunta)
- Is-Sindku Vincent Borg: Infrastruttura, Baġit, Proġetti u innovazzjoni, Anzjani, Indafa u Ambjent, u attivitajiet (konġunta)

52.3.2. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand resident li talab li jitwaħħlu tabelli biex il-vetturi ma jitħallewx mixgħulin minħabba li l-exhaust kien qed jidħol fir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' Transport Malta sabiex jaraw x'tabelli jistgħu jitwaħħlu biex il-vetturi ma jitħallewx mixgħulin. Il-Kunsill qabel li t-tabelli għandhom jitwaħħlu quddiem il-ħwienet kollha li normalment jieqfu quddiemhom il-vetturi.

52.3.3. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery, fejn talbu permess sabiex jużaw Ġnien Vilhena nhar il-5 t'Awwissu 2022 biex jorganizzaw attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.3.4. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Partit Nazzjonalista, fejn talbu permess sabiex jorganizzaw l-attivitajiet tal-Indipendenza fit-23 ta' Settembru mis-6pm sal-10pm. Wara l-attivitajiet ser ikun hemm riċeviment u ser ikun hemm bżonn li jingħalqu xi toroq. Wara li ddiskuta, il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-organizzaturi jikkuntattjaw lil Transport Malta sabiex ikun hemm organizzazzjoni sew biex it-traffiku ma jkunx effetwat, kif ukoll li jaderixxu mal-kundizzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet konċernati.

52.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn talbu permess sabiex jorganizzaw attività nhar it-13 t'Awwissu 2022. Huma offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza din l-attività b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jieħu ħsieb joffri t-trophies u l-mobile toilets.

52.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Malta Chamber of SMEs fejn talbu permess sabiex jingħata permess lis-CEO taħt l-iskema tal-parkeġġ residenzjal. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma magħhom dwar x'permessi għandhom minħabba li l-prassi tal-Kunsill hi li jingħata biss permess wieħed lil kull negozju.

52.3.7. Is-Sindku VB ressaq tfakkira mingħand persuna li talbet li tiltaqa' mal-Kunsill dwar il-kwistjoni taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma' din it-talba minħabba li din l-art tappartjeni lill-Kunsill u għalhekk ma jħossx li l-Kunsill għandu jċediha. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' din il-persuna hekk kif mitlub minnha.

52.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-amministratur u editur tal-Gazzetta Il-Furjana fejn offrew lill-Kunsill sabiex jirriklama fil-gazzetta għall-prezz ta' €186 kull riklam. Il-Kunsill qabel li għandu jirreklama fl-edizzjonijiet ta' April u Diċembru.

52.3.9. Is-Sindku ressaq ċirkolari dwar il-World Clean Up Campaign 2022 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn offrew lil kull min hu interessat sabiex japplika. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju. Il-Kunsilliera SSH u l-Kunsillier JAE informaw li kienu ser ikunu msiefrin f'xi ġranet f'Settembru. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jinvolvi lill-uffiċjali tal-community police f'din l-attività ġaladarba kienu huma stess li talbu li ssir xi ħaġa simili.

52.3.10. Is-Sindku ressaq ċirkolari mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar id-dwal u l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika magħhom sabiex jara x'tinkludi eżatt din l-iskema.

**<u>Nota: 15:28 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.</u>**

52.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta fejn informaw lill-Kunsill b'attività li ser jorganizzaw li tinkludi vjaġġ bil-lanċa lejn il-gżejjer u offrew lill-Kunsill sabiex l-attività tiġi organizzata b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-għaqda.

52.3.12. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill applikazzjoni tal-Grand Hotel Excelsior. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm rappreżentant tal-kunsill għal-laqgħa informattiva u nikkonfermaw li l-pjanti ppreżentati ma nbidlux minn dawk oriġinali b'mod li jostakolaw il-veduta min-naħa tat-triq.

52.3.13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-possibbiltà li l-Kunsill jestendi l-perjodu tal-proġett tas-Senior Citizen Centre b'sena. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-estensjoni ta' sena.

52.3.14. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Senior Citizens fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-organizzazzjoni u l-kontribut tiegħu fl-Isle of MTV. Il-Kunsill innota dan.

52.3.14.1. Il-Kunsilliera SSH ħadet l-opportunità sabiex tirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill b'mod partikolari lill-ħaddiem manwali. Is-Sindku ingħaqad magħha fir-ringrazzjament.

52.3.14.2. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jiġu rranġati l-mod kif joħorġu l-permessi min-naħa tal-istaff amministrattiv li għandu jindika eżattament fejn suppost tarma l-kiosk u mhux biss l-isem tat-triq, u dan sabiex jiġi evitat l-inċident li ġara fl-aħħar Isle of MTV.

52.3.14.3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-laqħa li ser tinżamm mal-Pulizija. Il-Kunsillier JAE nforma li kien ser jattendi din il-laqgħa b'mod virtwali minħabba raġunijiet ta' xogħol.

52.3.14.4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-ftehim li ntlaħaq mal-MTA f'laqgħa preċedenti - li fiha kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-MTA tikkontribwixxi b'kumpens finanzjarju bħala Corporate Social Responsibility biex tagħmel tajjeb għall-inkonvenjent li jinħoloq lir-residenti. Intlaħaq ukoll ftehim dwar ħlasijiet pendenti li jmorru lura diversi snin u li l-MTA oġġezzjonat għalihom peress li qed tgħid li huma esaġerati. Wara li smajna l-verżjoni tal-awtorità, ġie maqbul li possibbilment kien hemm ġranet imniżżlin li fil-fatt matulhom ma kien hemm l-ebda armar, u peress li l-kejl qatt ma sar b'koordinament (u allura lanqas qbil) bejn il-partijiet, ġie deċiż li jitħallas l-ammont ta' €5285.11 u mhux dak mitlub oriġinarjament ta' €33376.09. Ġie miftiehem ukoll li b'effett minn din is-sena, rappreżentant mill-Kunsill u rappreżentant mill-MTA ikejjlu ż-żona flimkien u jiffirmaw dwar il-metri kwadri użati biex din is-sitwazzjoni ma tirrepetix ruħha. Huwa spjega kif kien inħoloq kuntratt li għalissa kien ser ikopri biss sa din is-sena, iżda jijnkludi fih arretrati b'bilanċi dovuti lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna niffirmaw dan il-kuntratt.

52.3.14.5. Il-Kunsillier JAE ppropona li tintalab laqgħa mal-MTA biex ikun hemm diskussjoni postpartum u għalhekk ikun hemm titjib fil-kunċerti futuri. Is-Sindku qal li hemm bżonn ukoll jiġi diskuss il-festival tan-nar sabiex jiġi assigurat commitment min-naħa tagħhom għall-edizzjoni li jmiss.

52.3.14.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li nnotat li kien hemm anke koperazzjoni mingħand is-sidien tal-bars.

## 52.4 RAPPORTI

52.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-komunikazzjoni li saret ma' Transport Malta rigward it-tabelli tal-veloċità fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku qal li ma jidhirx li kellu jkun hemm problemi sabiex dawn isiru, għalkemm din il-materja ilha għaddejja mingħand persuna għal oħra fi ħdan TM mingħajr ma tittieħed deċiżjoni.

## 52.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

52.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-problema tal-ħamiem u staqsa jekk jistax jerġa' jsir dan il-proċess. Is-SE qal li l-kwistjoni tal-ħamiem kienu daħlu fiha l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u ser jagħmlu eżerċizzju huma. Is-SE qal li jidhiru li l-kuntrattur li kien diġà l-Kunsill m'għadux joffri dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jistaqsi fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun Xlokk sabiex jara xi żvilupp kien hemm.

52.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-tindif li se jsir fil-Polverista u staqsa jekk jistax isir ukoll it-tindif taż-żona tat-taraġ minħabba li reġa' nġema' ħafna skart. Il-Kunsilliera SSH qalet li t-tindif ta' dik iż-żona suppost isir mil-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

52.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-Ġnien il-Mall u l-bżonn li jsir dawl alternattiv. Il-Viċi Sindku AD qal li kien staqsa dwar il-proċess tad-dawl u ppropona li jsir dawl temporanju sakemm ix-xogħol jitlesta. Huwa qal li għandu jżomm lill-Kunsill informat appena jkollu xi żvilupp jew risposta fuq din il-materja. Il-Viċi Sindku AD kompla billi kkonferma li x-xogħol għandu jkun lest kollu qabel Ottubru u b'hekk il-ġnien jista' jinfetaħ għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

52.5.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill isemmi triq għall-mibki Tony Zarb. Hija ppropóniet li t-triq tkun parti minn Triq is-Suq (mit-taraġ l' isfel). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jressaq din il-proposta quddiem l-iStreet Naming Committee.

52.5.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet hux possibbli li jitwaħħlu iktar bankijiet ħdejn id-Dar tal-Anzjani. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku qal li wieħed jista' jikkunsidra anke li jagħmel plakka li l-bankijiet ikunu saru bil-fondi mogħtija mill-MTA ladarba l-Kunsill jirċievi dawn il-fondi.

52.5.6. Il-Kunsilliera SSH staqsiet hux possibbli li jinqala' l-ħadid li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Miratur c/w Triq il-Kapuċċini minħabba li dawn qegħdin ta' periklu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

52.5.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitlob is-servizz ta' Green wardens jew uffiċjali tal-ERA sabiex jissorveljaw il-lokalità bit-tama li jinqatgħu ħafna mill-abbużi. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi x'inhi l-proċedura.

## 52.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

52.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

52.7.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 38/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

52.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

52.7.2. Is-Sindku VB ressaq żewġ rapporti tal-petty cash għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

52.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-pagamenti indikati fir-rapporti tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 52.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tat-Tender tal-Lifts;

52.8.1. Is-SE ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tat-tenders tal-lifts u ta spjega ta' x'jinkludi ir-rapport.

52.8.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD, u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-għażla tal-orħos offerta, hekk kif rakkomandat mill-Bord tal-Evalwazzjoni, bir-riżultat kien:

Favur: 5 (AD, JAE, VB, SSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 52.9 Ġenna ta' Ġonna

52.9.1. Is-SE informa lill-Kunsill li f'Awwissu kellhom jibdew isiru l-kuntatti mal-għaqdiet u mal-parteċipanti sabiex jibdew il-preparazzjonijiet u jiġu konfermati min kien ser jipparteċipa.

52.9.2. Il-Kunsillier JAE qal li fl-aħħar laqgħa kien ippropona li l-attività tiġi estiża sa' filgħaxija anke peress li sa dakinhar Ġnien l-Argotti u Ġnien il-Mall ser ikunu mdawwlin anke filgħaxija u għalhekk setgħu isiru xi attivitajiet f'dawn il-ġonna ukoll.

52.9.3. Il-Viċi Sindku AD ppropona li jiġu mistiedna xi street performers għall-filgħaxija sabiex jattiraw lin-nies.

52.9.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-attività għandha tibda' minn waranofsinhar minflok minn filgħodu. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinżamm laqgħa informali bejn il-kunsilliera sabiex l-attività tkun tista' tiġi diskussa iktar fid-dettall.

52.9.5. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-idea li l-Kunsill jikri xi kiosks li jiġu offruti lill-għaqdiet fejn kull għaqda imbagħad tkun tista' tibbenefika minn dik il-posta sabiex tiġġenera profitt u fl-istess ħin toffri servizz matul l-attività.

## 52.10 IMWEJJED U SIĠĠIJIET TA' STABBILIMENTI

52.10.1. Is-Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li qed ikun hemm esaġerazzjoni fl-ammont ta' mwejjed u siġġijiet li qegħdin jintramgħu minn ċertu stabbilimenti fejn anke qed jingħalaq l-aċċess għall-bankina.

52.10.2. Is-Sindku kompla billi qal li jrid ikun hemm konsistenza biex b'hekk kulħadd ikun trattat l-istess u ħadd ma jkun jista' jilmenta.

52.10.3. Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li l-istabbilimenti jirregolaw ruħhom mal-MTA u jaderixxu mal-kundizzjonijiet stipulati mil-permess.

52.10.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm kafetterija partikolari li lanqas tħalli aċċess biex tgħaddi mara b'pushchair.

52.10.5. Il-Kunsilliera SSH semmiet ukoll li hemm palet tal-injam fi Triq Vilhena kantuniera ma' Triq Sant'Anna. Is-SE qal li kien kellem anke lill-Community Police fuqha u qegħdin jipprovaw jiddeterminaw ta' min kien il-post sabiex ikunu jistgħu ikellmuh.

**Nota: 16:43 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.**

## 52.11 DWAL TAL-MILIED

52.11.1. Is-Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li għandu jiċċekkja mar-Reġjun Xlokk dwar din il-materja.

## 52.12 SERVIZZ TAL-KNIS

52.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li wasal biex jispiċċa l kuntratt tal-knis u għalhekk il-Kunsill irid jaħseb biex tiġi ppublikata sejħa għall-offerti ġdida.

52.12.2. Is-SE qal li hemm bżonn li jiġu riveduti l-kundizzjonijiet qabel ma tinħareġ is-sejħa l-ġdida.

**Nota: 16:46 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.**

52.12.3. Is-SE qal li jridu jiġu riveduti wkoll il-bżonnijiet tal-lokalità u l-frekwenza li jinkinsu t-toroq.

52.12.4. Is-SE qal ukoll li kien wasal iż-żmien li jintalab li l-ħaddiema jkunu attrezzati b'GPS tracker sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel il-moniteraġġ neċessarju kif ukoll biex jassigura li r-riżorsi mitluba qegħdin jingħataw hekk kif stipulat fil-kuntratt.

## 52.13 TQASSIM TAL-BOROŻ TAL-ISKART RIĊIKLAT U ORGANIKU

52.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill ma kienx baqa' jingħata boroż tal-iskart riċiklat u organiku li soltu kienu jitqassmu lir-residenti b'konsegwenza li n-nies qegħdin jarmu fil-boroż il-ħżiena u jħalltu l-iskart kollu flimkien.

52.13.2. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitkellem mal-Wasteserv u jekk possibbli, joffri li jixtrihom il-Kunsill u mbagħad jiġi rimborsat.

52.13.3. Is-SE qal li sa dakinhar kien jidher li l-boroż mhux ser ikunu qed jibqgħu jitqassmu min-naħa tal-Wasteserv u li għandhom jibdew jinxtraw mir-residenti.

52.13.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li ma temminx li l-problema kienet il-boroż għaliex xorta jibqgħu jinħarġu l-boroż fi ġranet ħżiena. Hija qalet li ħafna mir-residenzi ma kellhomx btieħi jew biżżejjed spazju u għalhekk jintefgħu fit-triq.

52.13.5. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jistaqsi fil-laqgħa tar-Reġjun Xlokk ġaladarba din hija problema li qed taffettwa ammont kbir ta' kunsilli.

## 52.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

52.14.1. Il-laqgħa intemmet fil-5:10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 t'Awwissu 2022 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum It-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022**

| | |
|---|---|
| Iffirmati | iffirmati |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |